**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 369/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Luca Andrea Cutajar**

**<u>Illum, 8 ta' Jannar 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, **Luca Andrea Cutajar** detenur tal-karta tal-identita Maltija **267294M** , akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Nhar il-għaxra (10) ta' Awwissu tas-sena 2019, f'xi bnadi, f'dawn il-Gżejjer mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqegħed l-ħajja tal-koabitana tiegħu Adrianna Lipska illum Munzone Lipska f'perikolu ċar, ikkagunalha offiza ta' natura gravi skond kif iċċertifikat minn Dr. Pierre Agius ta' l-isptar Mater Dei;

2. U aktar tall fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil koabitana tiegħu Adrianna Lipska illum Munzone Lipska biza' li se tintuza vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjeta

tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanza f'dawn il-Gzejjer, ġab ruħu b'tali mod li tah fastidju lil ko-abitanta tiegħu Adriana Lipska illum Munzone Lipsika, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju għal Adrianna Lipska illum Munzone Lipska;

Fuq talba tal-Qorti tal-Maġistrati magħmula bil-miktub mill-Pulizija ai termini tal-Artikolu 414(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-atti tal-kawa fl-ismijiet fuq premessi u kopja tas-sentenza relattiva jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali, l-esponent irċieva dawn l-atti u s-sentenza fit-tlieta u għoxrin (23) jum mix-xahar ta' Mejju tas-sena 2023;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-sittax (16) ta' Mejju,2023, fejn wara li rat il-mottivi il-Qorti **ma sabitx** lill-imputat Luca Andrea Cutajar ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement għalhekk illiberatu minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat ir-rikors tal-appellanti l-Avukat Ġenerali, preżentat fir-reġistru tal-Qorti nhar it-tmienja (8) ta' Ġunju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirritorna s-sentenza appellata u dana billi;

- L-appellant filwaqt li jirreferi għall-provi prodotti u dawk produċibbli f'dan l-istadju,interpona dan l-umli appell u talabumilment lil dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tħassar u tirrevoka din is-sentenza fl-ismijiet premessi u minflok tisma' l-provi kollha produċibbli u tgħaddi sabiex tagħti sentenza

skont il-liġi jew, b'mod alternattiv, tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti illiberat lill-imputat u minflok issibu ħati tar-reati kollha kif addebitati kontra tiegħu;

Rat l-aggravji tal-appellat Luca Andrea Cutajar li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

1. Illi l-esponent, wara li rċieva l-atti, ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati ( Malta ) bħala Qprti ta' Ġudikatura Kriminali, għaddiet għad-deċizjoni tagħha bħala riultat ta' apprezzament zbaljat tal-provi li tressqu quddiemha u dan peress li mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, kemm mit-testimonjanza tal-vittma kif ukoll mid-dokumenti prodotti, dik l-istess Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konkluzjoni minnha milħuqa, li tiddikjara lilll-imputat qua appellat mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, stante li fil-verita ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat qua appellat wettaq ir-reati addebitati lilu;

2. Illi għalhekk l-esponent qed jinterponi dan l-appell ai termini tal-Artikolu 413(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi l-esponent huwa edott li l-prinċipju regolatur kien u għadu li din l-Onorabbli Qorti ma tiddisturbax deċizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti jekk l-ewwel Qorti setgħet ragonveolment u legalment tasal għal dik id-deċizjoni, pero' f'dan il-kaz, bir-rispett kollu dovut lejn l-Ewwel Qorti, l-esponent jemmen li dik il-Qorti qatt ma setgħet ragonevolment jew legalment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha;

4. Illi f'dan ir-rigward, l-esponent jagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis -sbatax (17) ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Joseph Apap</u>** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti )diversament preseduta ) qalet hekk;

> *"In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta; din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konkluzjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondi ta' l-istess bex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kelhha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik iddiskrezzjoni u konklużjoni".*

5. Illi fil-każ odjern, fil-kors tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, sabiex jiġu ppruvati r-reati addebitati lill-imputat qua appellat, il-prosekuzzjoni ġabet diversi xhieda tagħha, fosthom il-parte civile **Adriana Lipska illum Munzone Lipska**, li fix-xhieda tagħha spjegat kif nhar il-għaxra (10) ta' Awwissu 2019 għal ħabta ta' bejn is-sebgħa ta' filgħodu (07:00hrs) u t-tmienja ta' filgħodu (08:00hrs) kellha argument mal-imputat qua appellat ġewwa l-appartament fejn kienu jabitaw flimkien fil-fond La Grotta, Triq in-Nafra, Naxxxar. Hija stqarret illi waqt dan l-argument, l-imputat qua appellat kien taha diversi daqqiet ta' ponn f'wiċċa, speċifikament

fuq għajnejha u taħt għajnejha, imneħirha u geddumha. Hi kompliet tistqarr illi l-imputat qua appellat kien kompla jsawwatha bi xkupa fuq rasha, fejn umbagħad kien taha hass ħażi u ġiet f'sensiha l-Intensive Therapy Unit (ITU) tal-isptar Mater Dei. Ix-xhieda tal-vittma baqgħet konsistenti mal-ewwel verżjoni li kienet tgħat;

6. Illi ġie eżebit iċ-**ċertifikat mediku maħruġ minn Dr.Pierre Agius MD** (Reġ.Med.3721) li kien jgħid illi l-parte civile Adriana Lipska illum Munzone Lipska kienet addirittura fil-periklu tal-mewt, kif ukoll ir-**risk assessment report li sar minn Francesca Cassar u Amber Tabone** ġewwa l-Intensive Therapy Unit (ITU) tal-isptar Mater Dei, fejn ir-riskju għal Adriana Lipska illum Munzone Lipska ġie klassifikat bħala għoli. Id-difiża għoġobha tistrieħ fuq l-istess fatti elenkati f'dan ir-rapport, tant li lanqas sar kontro-eżmi tagħhom;

7. Illi xehed ukoll l-espert **Dr.Edward Cherubino MD** fl-inkarigu mogħti lilu mil-Maġistrat Dr. J.Mifsud LL.D quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), sabiex jirrelata wara li jagħmel eżami mediku fuq il-persuna ta' Adriana Lipska illum Munzone Lipska, irrelata lli l-istess kienet sofriet ksur f'wiċċa, liema inġurija huma klassifikati bħala ġrieħi ta' natura gravi;

8. Illi xehed ukoll **Dr.Pierre Agius MD ( Reġ.Med.3721)** li għaraf u 'kkonferma ċ-ċertifikat mediku eżebit u spjega li Adriana Lipska illu Munzone Lipska kienet sofriet 'nasal bone fracture';

9. Illi għalhekk fil-kors tal-proċeduri, ġew preżentati diversi xhieda li servew ta' evidenza għall-elementi li jikkostitwixxu l-akkuża detotta fil-konfront tal-**imputat qua appellat** Luca Andre Cutajar u ċioe';

- Li l-**imputat qua appellat** ikkawża offiża gravi fuq il-persuna ta' Adriana Lipska illum Munzone Lipska. Kif diġa' ingħad ġie ppreżentat iċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr.Pierre Agius MD ( Reġ.Med.3721) fejn ikkonkluda illi Adriana Lipska illum Munzone Lipska kienet sofriet ġrieħi gravi u anki kienet fil-periklu tal-mewt. Ġiet preżentata wkoll ir-relazzjoni tal-espert Dr. Edward Cherubino MD fl-inkarigu mogħti lilu mil-maġistrat Dr.J.Mifsud LL.D quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ( Malta ), sabiex jirrelata wara li jagħmel eżami mediku fuq il-persuna ta' Adriana Lipska illum Munzone Lipska, irrelata lli Adriana Lipska illum Muzone Lipska kienet sofriet ksur f'wiċċa, liema inġurija huma klassifikati bħala ġrieħi ta' natura gravi;

- Li l**-imputat qua appellat** ikkawża biża' li se tintuża vjolenza kontra Adriana Lipska illum Munzone Lipska jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta', ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha, kif ukoll li l-akkużat għamel fastidju lil ko-abitanta tiegħu Adrina Lipska illum Munzone Lipskaa, u kif diġa' ingħad, dwar dawn l-elementi ġie ppreżentatir-risk assessment, li sar minn Francesca Cassar u Amber Tabone ġewwa l-Intensive Therapy Unit ( ITU) tal-isptar Mater Dei, fejn ir-riskju għal Adriana Lipska illum Munzone Lipska ġie klassifikat bħala għoli;

10. Illi minn naħa l-oħra l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata bil-verżjoni mogħtija mill-imputat qua appellat fl-istqarrija tiegħu fejn ċaħad l-imputazzjonijiet kollha, u bil-fatt li huwa għażel li ma jixhidx quddiemha; Madanakollu, d-difiża lanqas biss tellgħet provi, kif ukoll il-kontro eżamijiet komplew ivverifikaw il-verżjoni tal-*parte civile* Adriana Lipska illum Munzone Lipska, li minn naħa tagħha baqgħet konsistenti fil-versjoni li tgħat anki waqt il-kontro eżmi tagħha;

11. Illi ma kellu jkun hemm l-ebda ombra ta' dubju mil-provi fir-rigward tal-akkużi addebitati, anki fid-dawl li d-difiza ma ġgħabet l-ebda prova quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati;

12. Illi jingħad ukoll li l-Ewwel Qorti, waqt is seduta tat-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena 2023 tat il-fakulta lill-partijiet sabiex jippreżentaw in-noti ta' sottomisjonijiet, b'dana li l-Prosekuzzjoni u l-*Parte Civile* ngħataw żmien sat-tmienja u għoxrin (48) ta' Frar tas-sena 2023, filwaqt li d-Difiza ngħatat sal-ħmistax (15) ta' April tas-sena 2023, madankollu fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti injorat għal kollox is-sottomisjonijiet tal-Prosekuzzjoni li kienu ġew intavolati fis-sebgħa u għoxrin (27) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena 2023.

13. Illi għaldaqstant fl-umli fehma tal-appellant, il-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jwasslu għall-grad li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, u għalhekk kellha tinsab ħtija dwar l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputata que appellata.

Rat il-fedina penali tal-appellat esebita fl-atti a fol. 168 fejn fiha hemm reġistrat reat wieħed nhar is-7 ta' Lulju 2010 meta instab ħati talli kkaġuna ferita gravi fuq il-persuna ta' Clint Darmanin u sussegwentement ingħata probabtion għal perijodu ta' tmintax il-xahar.

Rat illi fis-seduta quddiemha ta' nhar is-17 ta' Novembru, 2023 l-Avukat Ġenerali għamel referenza għar-rikors tal-appell tiegħu u li rrimettew ruħhom għall-atti tal-proċess.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat Luca Andrea Cutajar esebita fl-atti a fol. 114.

**Ikkunsidrat,**

Illi prinċipalment l-aggravju tal-Avukat Ġenerali jikkonsisti fil-fatt li fil-fehma tiegħu l-ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti u xhieda prodotti u li a bażi ta' l-istess hija kellha issib lill-appellat ħati.

Din il-Qorti in primis tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setghet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk, iżda, din il-Qorti tasal ghall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal ghall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni[1].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u sa fejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta'
Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u sa fejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[2]

---

[2] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne arter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta'
Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.4 Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence. Din il-Qorti għalhekk sejra tifli mil-ġdid il-provi imresqa quddiem l-ewwel Qorti biex tara jekk l-ewwel Qorti setgħetx tasal għal ġudizzju li waslet għalih abbażi tal-provi imresqa.

L-Ispettur Andrew Agius xehed nhar it-20 ta' Ġunju 2021 u spjega li nhar l-10 ta' Awwissu 2019 għall-ħabta tal-9.45a.m PC 499 Emanuel Cilia li kien stazzjonat ġewwa is-sala tal-emergenza ta' Mater Dei informa l-għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara li Adriana Lipska kienet ġiet iċċertifikata minn Dr Pierre Agius li kienet fil-perikolu tal-mewt x'aktarx b'overdose. Kienu inħarġu żewġ ċertifikati wieħed iddikjara li l-pazjenta kienet in danger of loss of life u l-ieħor illi l-pazjenta qiegħda issofri minn nasal bone fracture u redness over nose and left clevicle. Dawn iċ-ċertfikati ġew esebti u mmarkati bħala Dok AA1.

Jispjega li PC 488 stqarr miegħu li kien hemm ċertu Luca Cutajar li kien stqarr mal-Pulizija li kienu marru t-tfal iqajmuh filgħodu u malli qam sab lil Adriana mixħuta mal-art b'xi demm ħiereġ minn wiċċha. L-Ispettur tal-għassa Elton Taljana kien ġie infurmat u ordna li ssir tfittxija iżda ma kien irrizulta xejn suspettuż. Luca Andrea Cutajar ġie mitkellem mill-Ispettur Taliana. Ix-xhud ppreżenta l-istqarrija tiegħu li hija datata l-10 ta' Awwissu 2019 u giet mmarkata bħala Dok AA2[3]. L-għada nhar il-11 ta' Awwissu 2019 kien sar risk assessment fejn irriżulta li ir-riskju kien għoli u dan ġie preżentat u mmarkat bħala Dok AA3[4].

Fit-12 ta' Awwissu 2019 Andrea Lipska minn ġewwa l-Isptar Mater Dei talbet biex tkellem il-Pulizija involuti fejn infurmathom li dakinhar tal-inċident kellha argument mal-partner tagħha Luca Cutajar li minn naħa tiegħu kien taha xi daqqiet fuq wiccha b'konsegwenza li waqgħet mal-art u taha ħass ħazin. Wara s-sospensjoni tal-Ispettur Taliana dan il-każ kien gie mgħoddi lilu nhar id-19 ta'

Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[3] Fol. 18 tal-atti

[4] Fol. 20 ta' l-atti

April 2021. Huwa reġa' kellem lil Adreana Lipska u din spejgatlu x'kien ġara u li l-offiżi li kellha fuq persuntha kienu saru waqt l-inċident li kellha ma' Luca meta taha daqqa f'wiccha u diversi daqqiet f'rasha bi xkupa. Nhar is-17 ta' Mejju 2021 kellem ukoll lil Dr Mario Pio Vella fejn dan stqar li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li Adriana kienet vitma ta' overdose u l-uġiegħ li sofriet kienu kawża ta' trauma fiżika u għalhekk kien ressaq lill-appellat il-Qorti.

**Adriana Munzone Lipska** xehdet nhar l-20 ta' Gunju, 2021 u spjegat li tgħid li sentejn qabel u ċioe' nhar l-10 ta' Awwissu, 2019 bejn is-7.00a.m u t-08.00a.m kienet ġiet imsawtha tant li kienet itilfet minn sensiegħa. Dan l-inċident kien seħħ ġewwa darha u ċioe fil-fond **La Grotta, Triq in-Nafra, Naxxar**. Tgħid li lejliet Luca Cutajar, l-appellat kien wasal mix-xogħol u talabha biex tqajmu għax-xogħol l-għada. Hija qamet kmieni ghall-ħabta tal-5.00a.m biex tnaddaf id-dar qabel ma jqumu t-tfal. Bdiet tnaddaf u fil-ħin indunat li kienu saru s-7.00a.m u marret tiġri tgħidlu li saru is-7.00 a.m. Irringrazzjaha u kompliet taħdem fid-dar. Għall-ħabta tas-7.30a.m qajmet lit-tfal u kienu bil-ġuħ. Reġgħet marret ħdejn Luca għaliex ħasbet li kien ser ikun tard u kien nervuż għax reġgħet ipprovat tqajmu. Qalet li binha ried il-ġobon iżda bintha ma għoġobhiex. Qalet li kienet sikkata fil-flus għaliex dak iż-żmien ma kienitx qed taħdem u missierha kien marid u għalhekk ma kienx qed jgħinha finanzjarament. It-tifla telqet tiġri u hi ġriet warajha. Rat il Luca bilwieqfa u staqsiha x'kien ġara qaltlu li t-tifla ma għoġobhiex l-ġobon u li ma kellhiex flus u beda jidgħi u qallha biex tieħu it-€20 li kellu. Qaltlu li ma kienetix ser toħroġ u tmur tixtri meta rat li kien daqshekk nervuż u aggressiv. Tgħid li ġibdet lil bintha fuq saqajha għaliex kienet imwerwra. Huwa ġibed lilha l-isfel għal ma l-art. Mar għal fuqha u taha daqqiet ta' ponn fuq mnieħirha, għajnejha u fuq geddumha. Qabad l-ixkupa u beda itiha fuq rasha. Li taf hu li imbagħad qamet u sabet ruħha l-ITU u quddiemha kella l-Ispettur Taliana flimkien ma' xi tobba.

Spjegat li dan kollu seħħ għal seba' snin sħaħ. Nhar l-10 ta' Awwissu, 2019 reġa kien hemm l-abbuż. Qaltlu li jekk ma kienx kuntent magħha setgħa jitlaq faċilment. Fil-fatt qaltlu biex jitlaq għaliex id-dar kienet tagħha. Qallha li biex

jitlaq kellha iġġib  il-pulizija. Tgħid li mhux veru li meta tkelmet ma l-ispettur Taliana ma ftakrietx x'kien ġara. Qalet li tiftakar kollox qisu kien lejliet.

Qalet li zmien wara l-inċident kienet għamlet kuntatt miegħu u talbitu biex imur għat-terapija. Nelfrattemp tgħid li bdiet ħajja ġdida ma partner ieħor. Qalet li Luca għamel żmien twil ukoll ma jarax lill-uliedu u għaliha aħjar għax tibża minnu.

**Dr Edward Cherubino** xehed nhar il-5 ta' Ottubru 2021 u kkonferma li fuq nomina mogħtija lilu mill-Qorti kien eżamina lil Adreana u sab li kellha feriti ta' natura gravi minħabba li kellha ksur f'wiċċha iżda ma kellha l-ebda diżabbilita permanenti assoċjat mal-ksur li kellha. Huwa esebixxa r-relazzjoni tiegħu li ġiet mmarkata bħala Dok EC1[5].

**Dr Mario Pio Valletta** xehed nhar il-5 ta' Ottubru, 2021 u kkonferma li kien eżamina lil Adreana Lipska nhar l-10 ta' Awwissu, 2019 meta kienet ġiet ammessa fid-dipartiment tal-Emerġenza. Kienet isterika ħafna, aġitata ħafna tant u hekk li tawha *sedation*. Dak il-ħin din kellha tbenġila fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċha pero minħabba il-kundizzjoni tagħha ma kienitx daqshekk stabbli u għalhekk daħluha għal xi żmien l-ITU. Wara ftit siegħat ġiet transferred għas-sala M2. Fit-13 ta' Awwissu, 2019 waqt li kienet għada l-Isptar Adriana kienet qed tbati minn *Transient Global Amnesia* u lanqas kienet qed tgħaraf lil ommha fuq it-telefon. Ma ftakritx in-nazzjonalita tagħha u lanqas min kienet. Għalhekk involvew in-newroloġisti u lill-psikjatri. Ġie ordnat scan u rriżulta li kellha frattura żgħira fl-għadma ta' imniħirha fuq in-naħa tax-xellug. Iffolowjaw din b'MRI tar-ras iżda ma rriżulta xejn. Ħsara permanenti ma kienx hemm. Huwa ippreżenta sommarju li ġie mmarkat bħala Dok MRV1[6].

**PC 488 Emanuel Cilia** xehed nhar il-5 ta' Ottubru 2021 u spjega li nhar l-10 ta' Awwissu 2019 kien xogħol fid-dipartiment tal-Emerġenza tal-isptar Mater Dei

---

[5] Dok EC! A fol. 51 tal-atti.
[6] Dok MPV1 a fol. 73 ta' l-atti.

u għall-habta tal-9.45a.m mar fuqu Dr Pierre Agius tabib ġol-Emerġenza li qallu li kellu pazjenta li kienet fil-perikolu tal-mewt. Huwa ivverifika min kienet u rriżulta li kienet Adreana Lipska u ra minn liema distrett kienet u b'hekk informa lid-distrett ta' Birkirkara. Dak biss kien xogħlu.

**PC 1027 Simon Micallef** xehed nhar il-5 ta' Ottubru 2021 fejn stqarr li nhar l-10 ta' Awwissu, 2019 kienet daħlet telefonata mill-Isptar minn PC 488 li kienet daħlet persuna femminili l-Isptar u li kienet fil-perikolu tal-mewt x'aktarx b'*overdose*. Ġie infurmat ukoll li kien hemm il-partner tagħha fuq il-post ċertu Luke Cutajar. Huwa flimkien mas-surġent marru fuq il-post beix jkellmu u jaraw x'kien ġara. Huwa fl-ebda ħin ma qallhom li kellu xi jgħid magħha. Qalilhom li kienu qajmuh it-tfal u sabha ma l-art b'xi demm ħiereġ minn wiċċha. Minn hemmhekk infurmaw lill-Ispettur Taliana u qalilhom biex imorru fir-residenza tagħhom fin-Naxxar, Triq in-Nafra sabiex jaraw jekk kienx hemm xi ħaġa irregolari, xi taqlib, xi tkissir jew affarijiet bħal dawn li jindikaw li setgħa kien hemm xi argument. Huma marru flimkien ma' dan Luke Cutajar iċċekkjaw il-post pero ma raw l-ebda sinjal ta' taqlib jew tkissir.

**Dr Pierre Agius** xehed nhar il-11 ta' Novembru 2021 u kkonferma iċ-ċertfikati mediċi esebit fl-atti a fol 17 u 17A mmarkati bħala Dok AA1. Qal li fis-sena 2019 kien qed jaħdem bħala tabib fl-Emerġenza meta kien eżamina mara li kien illabiljaha bħala Ms 'X 'minn Naxxar u jgħid li din kienet fi stat li titlef ħajjietha u kienet ġiet ammessa fl-ITU u meta eżaminawha ma rawx li kellha *nasal bone fracture* iżda ħmura fuq l-imnieħer u fuq il-left clavicle jiġifieri bejn l-ispalla u l-għonq. Il-livel ta' *consciousness* tagħha kien baxx u għalhekk kienet f'riskju li titlef ħajjietha u kien għalhekk li poġġewha fl-ITU mhux minħabba li kellha *nasal fracture.* Qal li l-għadma tal-imnieħer iddum erba' ġimgħat biex tfieq mhux bħal għadam oħra li għandhom bżonn sitt ġimgħat. Għalhekk il-ferita tal-imniħer kienet ta' *slight nature*. Ikkonferma li meta ra l-pazjenta dak il-ħin kienet fi stat li titlef ħajjietha kellha Glasgow Coma Scale baxx ħafna iżda jekk kienx riżultat minħabba il-ġrieħi li kellha jew ħaġa oħra sa dak il-ħin ma kienx għadu jaf għaliex ir-riżultati tat-testijiet li ordnaw kienu għadhom ma ħarġux.

Huwa ma setgħax jgħid kif il-pazjenta spiċċat quddiemu u ma ingħatax spjega ta x'seta ġralha jew le.

**L-Ispettur Elton Taljana** xehed nhar il-11 ta' Novembru, 2017 u spjega li nhar l-10 ta' Awwissu 2019 għall-ħabta tal-9.45a.m kien ġie nfurmat minn PS 894 Alfred Cassar illi kienet daħlet mara ġewwa l-Isptar Mater Dei bl-isem ta' Adreana Lipska fejn din kienet qed tiġi ċertifikata li kienet fil-perikolu tal-mewt. Fil-fatt għall-ewwel ħasbu li kienet ġiet ammessa minħabba xi *overdose* il għaliex ma kienux jafu xi ġralha u fil-fatt kienet sofriet xi ġriehi. Meta ġie infurmat b'hekk minnufih kien bagħat għas surġent biex imur fid-dar residenza tagħha biex jara jekk kienx hemm xi sinjali ta x'seta ġara. Iżda meta mar ma sab xejn irregolari fid-dar. Iżda wara kellhom xi indikazzjoni li seta kien każ ta' domestic violence u ċioe li kienet qalgħet xeba mingħand il-partner tagħha li għaraf preżenti fl-awla bħala l-appellat. Huwa ghalhekk kien talab li tinħareġ Temporary Protection Order minghand il-Maġistrat Dr Charmaine Galea pero din kienet irrifjutat li tagħmel dan. Huwa xorta ta struzzjoni biex jinġabru iċ-ċertifikati mediċi mill-isptar. Irriżulta li din kienet qed issofri minn ġrieħi gravi u għalhekk kien investiga lis-sur Cutajar. Kien ħadlu statment li tinsab esebita fl-atti a fol. 18. Huwa kien għażel li jwieġeb l-mistoqsijiet li ġew mgħamula u ċahad li kellu argument ma' Adreana. Qal li kien rieqed u meta qam sab lil Lipska mal-art u qal li kellha xi tip ta' inċident. Qal li kienet tiehu xi mediċini u ma jafx kif ġraw il-ġrieħi fuqha. Huwa kien kellem ukoll lil *parte civile* u ċioe il-vittma xi jiem wara. Kienet allegat li qalgħet xeba mingħand il-partner tagħha. Jgħid li kienet il-vittma stess meta ġiet f'sensiegħa li kienet qaltlu li kien każ ta' *domestic violence* . Ikkonferma li huwa la mar l-isptar ikellem lil vitma u lanqas mar id-dar tagħha kien bagħat is-surġent. Kien wara li ħarġet mil-isptar li kellimha u tatu l-verżjoni tagħha.

**PS 894 Alfred Cassar** xehed nhar il-11 ta' Novembru 2021 u spjega li nhar l-10 ta' Awwissu 2019 għal ħabta tal-9.45a.m PC 488 kien stazzjonat l-Isptar l-Emerġenza u infurmah permezz ta' telefonata li kienet daħlet mara b'ambulanza li jisimha Adreana Lipska u li x'aktrx kellha xi *overdose*. Qallu

ukoll li kienet fi stat ta' perikolu li titlef ħajjietha. Huwa mar l-isptar informa lill-Ispettur Taliana bir-rapport u qagħad għall-istruzzjonijiet li ġew mogħtija lilu minnu. Ġie ordnat jara ma' min kienet u rriżulta li kienet ma' Luca Cutajar l-appellat u kien ghalhekk li l-ispettur tah ordni biex imur fl-appartament tiegħu biex jara jekk kienx hemm xi sinjali ta' disturb iżda irriżulta fin-negattiv. Xi ġimgħa wara kien kellem lil Adreana fejn qaltu li dakinhar hija kienet rieqda mal-partner tagħha Luca Cutajar u kien taha daqqa ta' ponn u waqgħet ma l-art u taha ħass ħażin. L-ispettur tah ordni biex iċempel lil Luca Cutajar biex imur ikellem lill-Ispettur Taliana u dan hekk għamel. Huwa ppreżenta kopja tal-okkorenza li ġie mmarkat bħala Dok AC1[7].

Illi l-akkuzat **Luca Cutajar** ma xehdx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt iżda *a tempo vergine* tal-investigazzjoni kien irrilaxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti u mmarkata bħala Dok AA2 a fol. 18. Jgħid li każijiet pendenti il-Qorti m'għandux u vizzji m'għandux salv li jpejjep is-sigaretti. Qal li jaħdem ma CRS ma-dawl u l-ilma. Jghid li dakinahr tar-rapport huwa kien rieqed id-dar u qajmuh it-tfal u qalulu '*mummy mummy hurt*'. Jgħid li uliedu ma jafux jitkellmu. Jikkonferma li ma kellu l-ebda argument magħha. Qala li kien ilu jaf lil Adreana Jipska għal sitt snin u kienet waslet Malta xi erba' snin qabel ma sar jafha. Ilhom joqgħodu flimkien għal madwar ħames (5) snin. Jgħid li Adreana ġieli marret għandi xi psikjatra għax qabduwielha social worker. Mistoqsi għalix Lipska għandha social worker jgħid li kien ikollhom xi jgħidu bejniethom u uliedhom ma kienx ikollhom x'jieklu. Għalhekk xi kultant kienu imorru jiċċekjaw id-dar. Qal li l-argumenti ta' bejniethom kienu verbali u bdew l-aktar meta bdew jikbru t-tfal. Jgħid li Lipska tieħu Panadols u Catafast minħabba uġiegħ fir-ras u uġiegħ fis-snien. Jgħid li dak li ġralha dakinhar ma jafx salv li sabha mal-art u qisha bdew ituha fits, kienet wiccha 'l fuq u ma kientix mitlufa minn sensiegħa għal kollox imma ma setgħetx tkellmu.

[7] Fol. 99 tal-process

**Ikkunsidrat,**

L-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu jsostni li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħazin tal-provi u dan għaliex fi-fehma tiegħu hemm biżżejjed provi fuq xix l-Ewwel Qorti setgħet issib ħtija. Biżżejjed ssir referenza għar-relazzjoni ta' Dr Edward Cherubino esbita fl-atti bħala klassifa tan-natura tal-feriti sofferti minn Adreana Lipska. Oltre dan issosni li l-appellat ma ressaq l-ebda prova biex jikkontradici dak allegat mill-parte civile salv l-sitqarriaj tieghu li tghid li ma jafx kif lpartecivle li raqdet mieghu tdak il-lejl siccat bil-feriti taghha fuq wiccha u mitlufa minn sensiegha. Jghid biss li kienu t-tfal li marru iqajmuh u sab lil vitma ma l-art *ut sic.*

Jirrizulta li l-appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u fir-risposta tal-appell tieghu issostni li l-appellat ma jistax jinsab hati talli kkaguna ferita ta' natura gravi u dan ghaliex mill-atti jirrizulta li semmai l-ferita kienet wahda ta' natura hafifa u ma jirrizultax li l-appellant kellu l-intensjoni li jferiha. Issostni li l-intensjoni li jghamel il-hsara u cioe l-*animus nocendi* ma irrizultax mill-process. Fil-fehma tieghu lanqas ma jirrizulta li l-ferita li giet subita mill-appellat giet kaguanta mill-appellat. Fir-rigward it-tieni akkuza u cioe dik li kkaguna biza d-difiza issostni li ma hemm l-ebda prova li l-incident sehhet fid-dar ta' Adreana Lipska u dan ghaliex ma kien hemm l-ebda indikazzjonijiet ta' dan meta l-ufficcjali tal-pulizija marru ighamlu spezzjoni ftit wara li sehh l-allegat akkadut. Dwar it-tielet akkuza u cioe dak ta' fastidju id-difiza tallega li Adreana kellha relazzjoni *extra martiali* u ghalhekk l-appellat kien donnu gustifikat li ighajjarha u li joqghod isaqasiha ma min kienet qed titkellem fuq il-mobile. Bir-rispett kollu dawn l-allegazzjonijiet imsemmija mid-difiza fin-nota taghha ma jirrizultawx mill-atti izda huma kongura tal-appellat biex jipprova jitfa del fuq l-vitma liema del ma johrogx mill-atti.

**Dak li jirrizulta mill-atti qua fatti**

Illi nhar l-10 ta Awwissu 2019 Andreana Lipska kienet iddahlet l-isptar Mater Dei proprju fid-dipartiment tal-Emergenza u wara li giet invistata mit-tobba giet certfikat ali kient qeda fil-perikolu tal-mewt u sussegwentement giet certfikata li kellha ferita gravi konsistenti fi frattura tal-imniher. Kelllha low Glassgow Coma scale u ghalhekk ma kientix f'sensiegha. Meta imbaghad giet f'sensiegha spjegat il-pulizija li kient giet imsawta mill-partner taghha l-akkuzat. Il-partner taghha gie mitkellem mill-puliijza kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu li ma kienx veru li sawwatha izda li kien rieqed u li qajmuh uliedu u meta qam sab li kient ma l-art . Il-pulizija ftit wara li Lipska giet ammessa l-isptar marret fil-fond fejn kienu jirrisjedu l-akkzuat u Lipska u sabu li kollox kien f'postu u ma kien hemm l-ebd taqlib.

Ikkunsidrat ulterjorment

Din il-Qorti ghalhekk sejra tqis kul akkuza li minnha l-Avukat Generali intavola appell. L-ewwel imputazjoni tikkoncerna l-akkuza ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Lipska. Issa kif tajjeb osservat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Azzopardi**[8]

> *Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament*

[8] DEciza fit-30 ta Lulju 2004

*riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl talprovi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.*

L-**Artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali** jaqra:

*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.*

Illi imbagħad l-Artikolu 215 tal-Kodiċi Kriminali jikklassifika tali offiżi bejn offiża ta' natura gravi u offiża ta' natura ħafifa. Dawn l-offiżi jerġgħu jinqasmu fil-kategoriji oħra bażati fuq distinzjoni li l-Leġislatur ħoloq skont kif marbuta mal-konsegwenzi li ġġib ferita u mhux oħra. Il-Kodiċi Kriminali jiddistingwi bejn offiża gravi fis-sensi tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali u l-offiża gravissima ai termini tal-Artikolu 218 tal-istess Kodiċi. Imbagħad, l-offiża hija meqjusa wkoll gravi jekk tkun magħmula b'wieħed mill-mezzi imsemmija fl-Artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali jew jekk iġġib il-mewt hekk kif indikat fl-Artikolu 220 tal-istess Kodiċi. In kwantu għal offiża ħafifa, din tista' tkun dik ikkontemplata fl-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali jew dik ta' importanza żgħira ai termini tal-Artikolu 221(3) tal-istess.

B'riferenza għall-offiżi ta' natura gravi, dawn allura jistgħu jkunu gravi jekk iġibu xi wieħed mill-konsengwenzi msemmija fl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali; jew jistgħu ukoll jitqiesu iżjed serji, u allura klassifikabbli bħala gravissimi jekk iġibu xi waħda mill-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-istess Kodici.

Għalhekk fil-gradwatorja tal-gravita, l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali jitqies li jwassal għal offiża gravi b'riferenza għas-serjeta tal-konsegwenzi li l-offiża tħalli fuq il-vitma, li però tali konsegwenzi għalkemm gravi, jridu jkunu ta' anqas serjetà u gravita minn dawk imsemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi

Kriminali. Dan huwa rifless ukoll f'differenza fil-pieni stabbiliti mill-Liġi għal min jikkommettihom, bloffiża gravissima msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali tippreskrivi piena għola minn dik li tkun tista' tingħata fil-każ ta' kommissjoni ta' offiża gravi skont l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali.

L-Artikolu 216(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa wkoll ċar in kwantu jikklassifika dik il-ferita bħala gravi u punibbli taħt l-ewwel subinċiż anki jekk il-persuna offiża tfiq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'perikolu attwali ta' ħajja jew tal-konsegwenzi msemmija fis-subinċiż numru wieħed tal-istess.

Allura b'riferenza għar-reat ta' offiżi gravi fuq il-persuna fis-sensi tal-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, l-actus reus tar-reat ipotizzat fl-Artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali, inkluż meta abbinat mal-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, irid li jkun jikkonsisti f'dik l-offiża li ġġib xi waħda jew iktar mill-konsegwenzi indikati fl-Artikolu 216 tal-istess Kodiċi.

Kwantu għall-mens rea rikjest, fil-każ ta' offiżi fuq il-persuna, trid tirriżulta l-animus nocendi u ċjoe' l-intenzjoni ġenerika li l-awtur tar-reat jikkawża ħsara fil-ġisem ta' ħaddieħor jew fis-saħħa ta' dik il-persuna jew li jġib diżordni f'moħħha bl-azzjoni volontarja tiegħu.

Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit** [9] fuq l-intenzjoni rikjesta għal fini tar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna intqal hekk: Fil-liġi tagħna, għall-fini tar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna, hi meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jagħmel ħsara, żgħira kemm hi żgħira dik il-ħsara li jkollu f'mohhu li jagħmel, hu jrid iwieġeb għal lkonsegwenzi kollha li effettivament jirriżultaw bħala konsegwenza diretta ta' l-għemil tiegħu. Dawk il- 11 konsegwenzi jistgħu jkunu gravi (artikolu 216), gravissimi (artikolu 218) jew addirittura l-mewt (artikolu 220). Bi ħsara wieħed jifhem anke s-sempliċi sensazzjoni ta' uġigħ li tiġi minn daqqa mingħajr il-ħtieġa ta' leżjoni fittessuti. L-artikolu 214 tal-Kap.9, meta

[9] Deċiż nhar it-30 ta' Marzu 1998

jitkellem dwar "...*ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna..jew diżordni f'moħħa...*" isegwi kelma b'kelma d-disposizzjoni ta' l-artikolu 372 tal-Codice Zanardelli:

> "*Chiunque, senza fine di uccidere, cagiona ad alcuno un danno nel corpo o nella salute o una perturbazione di mente, e' punito* . . .

Huma wkoll diversi s-sentenzi tal-Qrati Maltin li jagħmlu referenza għall-insenjamenti tal-Professur Mamo, fosthom[10] l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Eric Sciberras Balbi** [11] fejn dik il-Qorti ċċitat silta mill-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Noel Degiorgio**: 'Fil-ktieb tieghu, Notes on Criminal Law, il-**Professur Anthony J. Mamo** jghid hekk:

> *"To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely "animus nocendi", the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. ... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu." (sottolinear ta' din il-Qorti).'*

Illi għalhekk sabiex jiġi integrat ir-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna huwa suffiċjenti li jiġi ppruvat - mingħajr dubju dettat mir-raġuni - li meta l-awtur tar-reat ikun aġixxa bl-azzjoni leżiva tiegħu, l-intenzjoni tiegħu f'dak il-mument

---

[10] Ara wkoll Il-Pulizija vs. Shirley Calleja deċiża nhar l-4 ta' Ottubru 2016, Qorti tal-Maġistrati (Malta)
bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, The Police vs. Chinonso Jude Okeakpu deċiża nhar it-2 ta'
Ottubru 2013, Il-Pulizija vs. Sandro (Alexander) Chetcuti deċiża nhar it-18 ta' Settembru 2013 millQorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Krimina
[11] Deċiż nhar it-28 ta' Marzu 2019

kienet dik li jikkawża offiża - ħsara lil persuna oħra - mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppruvat li jkun ried il-grad ta' ħsara li effettivament jirriżulta u dan peress li l-awtur tar-reat ikun irid li jagħmel tajjeb għall-ħsara effettivament kaġunata u l-konsegwenzi li jitnisslu mill-għemil illegali tiegħu.

Fil-kamp tal-leżjonijiet personali - kemm dawk li jeħtieġ intenzjoni ġenerika li ssir ħsara, kemm dawk li jirrikjedu intenzjoni speċifika - din l-intenzjoni tista' tiġi deżunta min-numru ta' fatturi, inkluż miċ-ċirkostanzi li jikkaratterizzaw il-mument ta' qabel, waqt u wara t-twettiq tal-att leżiv, jekk tkunx intużat xi forma ta' mezz estraneju għall-ġisem tal-awtur tar-reat jew xi arma, u f'każ affermattiv, x'tip ta' arma intużat mill-awtur tar-reat biex jitwettaq l-att leżiv, f'liema parti tal-ġisem ikun immanifesta ruħu l-att leżiv, jekk ikunx intqal xi kliem mill-awtur tar-reat fil-waqt tal-kommissjoni tar-reat, eċċetra. Fil-fatt, fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Salvu sive Salvatore Gauci** [12] intqal is-segwenti:

> *Issa, kif tajjeb gie osservat mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l-fatti – l-att materjali li sar – kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l-att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id-daqqa jew li nghataw id-daqqiet.*

Din l-interpretazzjoni mill-Qrati Maltija hija mera ta' dik il-posizzjoni adottata anke mill-Qrati fl-Italja fejn il-Cassazione rrikonoxxiet li għall-fini ta' leżjoni personali huwa meħtieġ li tiġi pruvata l-eżistenza tad-dolo generico, u dment li l-awtur tar-reat ikun ra bil-quddiem li l-azzjoni tiegħu kienet probabbilment tikkaġuna ħsara fil-ġisem tal-vitma tiegħu:

> Per la sussistenza del dolo nel delitto di lesioni personali, non e' necessario che la volonta' dell'agente sia diretta alla

[12] Deċiż nhar it-8 ta' Lulju 2004

produzione di conseguenze lesive, essendo sufficiente l'intenzione di infliggere all'altrui persona una violenza fisica; basta quindi il dolo generico che deve reputarsi sussistente – sia pure nella forma eventuale - anche in ipotesi di azione commessa loci causa allorche' l'agente abbia previsto **come probabile**[13] (e quindi ne abbia accettata la verificazione concreta) l'evento lesivo.[14]

In ordine al reato di lesioni volontarie il dolo consiste nella cosciente volonta' del fatto e, in oltre, nella volonta' dell'evento giuridico e cioe' dell'offesa dell'interesse tutelato dalla norma, e poiche' tale risultato si considera' voluto non solo quando si sia concretato nel punto di mira dell'attivita' del soggetto **ma anche quando e' stato previsto e nel tempo stesso accettato per la eventualita' del suo verificarsi**,[15] il dolo nel delitto in esame sussiste tutte le volte che l'agente ha previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un'offesa alla integrita' personale del soggetto passivo ed ha agito al fine o a costo di cagionarlo.6 Nel reato di lesioni personali volontarie la sussistenza del dolo non puo' essere negata quante volte l'autore del reato abbia previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un pregiudizio[16] all'integrita' personale del soggetto passivo ed abbia cio' nonostante agito anche a costo di cagionarlo[17].

Nel reato di lesioni personali volontarie la sussistenza del dolo non puo' essere negata quante volte l'autore del reato **abbia previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un pregiudizio7** all'integrita' personale del

[13] Enfasi ta' din il-Qorti.
[14] Cassazione Penale, Sez.I, sentenza n.6773 4 ta' Lulju 1996
[15] Enfasi ta' din il-Qorti
[16] Enfasi ta' din il-Qorti.
[17] Cassazione Penale, Sez. I, sentenza n.3329 14 ta' Marzu 1988.

> soggetto passivo ed abbia cio' nonostante agito anche a costo di cagionarlo[18]

Allura meta l-awtur tar-reat ikun ifforma intenzjoni ġenerika li jikkawża xi ħsara fuq il-persuna tal-vitma tiegħu, u effettivament iwettaq l-att u jikkawża ħsara fuq il-persuna tal-vitma tiegħu, mhux meħtieġ għall-Prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-awtur tar-reat kellu wkoll l-intenzjoni li jikkaġuna dik il-ħsara partikolari fil-ġisem tal-vitma li tkun irriżultat b'konsegwenza tal-azzjoni tiegħu u dan peress li mhux meħtieġ għall-Prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mirraġuni li l-intenzjoni tal-awtur tar-reat kienet preċiżament li jikkaġuna dik il-ħsara kollha li tkun tirriżulta sofferta mill-vitma. Ġaladarba jkun pruvat li l-awtur tar-reat kellu intenzjoni ġenerika li jikkaġuna offiża fuq il-persuna tal-vitma, huwa jkun imbagħad irid iġorr il-konsegwenzi ta' għemilu skont kif jirriżultaw mill-ħsara fuq il-ġisem tal-vitma kaġunata minnu.

Il-Professur Mamo jabbraċċja l-linja tal-ħsieb li f'offiża ta' natura volontarja wieħed għandu jirrispondi għall-konsegwenzi li effettivament jirriżultaw mill-azzjoni volontarja tiegħu indipendentement minn dak li kellu f'moħħu li jikkawża meta wettaq l-azzjoni.

L-ewwel Qorti ma emnitx lill-parte civile u dan għaliex fl-ewwel verżjoni hija tat lill-Pulizija l-isptar ftit wara li ġiet aggredita stqarret li l-akkużat kien taha daqqa fuq wiċċha u konsegwenza ta' din hija waqgħet ma l-art u taha ħass ħazin. Iżda sussegwentement meta xehdet il-Qorti daħlet iktar fil-fond u spejgat li l-akkużat kien taha ukoll daqqiet bl-ixkupa. Il-fatt li din l-aggressjoni aħħarija ma ssemmietx minnha fl-ewwel inkontru tagħha mal-pulizija fil-fehma tal-ewwel Qorti idajjef il-kredebbilita' tagħha.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament meħud mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u dan għaliex meta ġiet mitkellma ftit wara l-akkadut Lipska ma kintix

[18] Cassazione Penale, Sez. I, sentenza n. 9448 11 ta' Novembru 1983

għada totalment f'sikta tant li lanqas taf kif spiċċat l-isptar għaliex kienet intilfet minn sensiegħa. Meta xehdet il-Qorti huwa minnu li diversi xhur wara pero hija kienet iktar komposta u naturalment setgħet tiftakar l-inċident b'iktar dettal għaliex ġiet mistoqsija diversi domandi mill-partijiet u għalhekk kellha l-opportunita li tespandi fuq id-deposizzjoni tagħha quddiem l-Ispettur Elton Taliana.

L-ewwel Qorti tgħid li meta iddaħħlet l-isptar ftit wara l-akkadut kull ma rriskontraw skond ix-xhieda tat-tabib li raha fid-dipartiment tal-Emergenza kien tbenġila żgħira fuq in-naħa tax-xellug. Kien biss wara li saru eżamijiet ulterjuri li irriżulta li kellha frattura żgħira fl-għadma tal-imnieħer. L-ewwel Qorti tistqar li ma temminx lill-vittma f'dak li qalet għaliex kieku verament qalgħet id-daqqiet li iddiskreviet hi kien ikollha iktar ħsara fuq persuntha. Din il-Qorti ukoll ma taqbilx ma dan ir-raġunament biżżejjed jingħad li l-vittma daħlet l-isptar mitlufa minn sensiegħa bi Glasgow Coma scale baxx u fil-perikolu tal-mewt. Kien biss mażżmien li ġiet f'tagħha. Jiġi imfakkar li l-vitma kienet isterika u aġitata ħafna tant li kellhom ituha mediċini biex jikkalmawha u dan żgur li seħħ minħabba it-trawma li għaddiet minnha. L-ewwel Qorti tgħid li l-vittma setgħet kienet fi stat ta' perikolu peress li ħadet xi mediċini legali *in eccess*. Pero mill-provi prodotti dan il-fattur ma jirriżultax. Ma kien hemm ħadd li ta xi eżamijiet tossikoloġiċi tagħha li taw xi riżultat f'dan ir-rigward u għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tqis possibbiltà' bħal din mingħajr konfort ta' xejn.

L-ewwel Qorti ukoll tiġġustifika id-deċiżjoni tagħha li ma kienx l-akkużat li kkawżalha l-feriti għaliex meta l-pulizija marru id-dar ma sabu l-ebda disturb fiha. Din il-Qorti ukoll ma tistax takkolji raġunament bħal dan għaliex fl-ebda ħin ma l-vittma qalet li kien hemm xi taqlib, tkissir jew disturb id-dar. Allura dan il-fatt li fid-dar ma kien hemm xejn mhux f'loku ma jnaqqasx mill-kredibbilita tal-vittma u tali prova ma tistax titqies bħala xi prova indikattiva li isaħħaħ l-innoċenza tal-akkużat kif rraġunat il-Qorti għaliex tali prova ma hiex univka u għalhekk m'għandiex tiġi meqjusa.

Din il-Qorti rat ir-relazzjoni tal-espert nominat mill-ewwel Qorti u ċioe ta' Dr Edward Cherubino fejn stqarr li kien hemm ksur tal-imnieħer tan-naħa tax-xellug u kklasifika din il-ferita bħala waħda ta' natura gravi. Rat dak li qal Dr Mario Pio Vella fejn dan stqarr li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li Adriana kienet vittma ta' overdose u l-uġiegħ li sofriet kienu kawża ta' trauma fiżika. Dan abbraċċjat ma' dak li qalet Lipska li l-appellat ta daqqa f'wiċċha jikkorobora dak li qalet l-prosekuzzjoni li l-appellat ikkawża ferita gravi fuq il-persna ta' Lipska. Il-fatt li huwa taħa daqqa huwa sinjifikattiv li ried jikkawżalha ħsara fuq persuntha dan l-għemil jirrappreżenta l-intenzjoni ġenerika tiegħu li jagħmel il-ħsara.

L-akkużat ma xehdx kif kellu kull dritt jagħmel pero kien irrilaxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni u minn eżami tal-istess jirriżulta li huwa li kien rieqed fl-istess dar tagħha u li kien ġie imqajjem minnha ftit qabel l-akkadut ma setax jgħid kif effettivament l-vittma spiċċat mitlufa minn sensiegħa mal-art tant li ħass il-ħtiega li jċempel l-ambulanza u joħodha l-isptar. Qal li kienu uliedu li qajmuh u meta qam sab lil vittma mal-art. Din il-verżjoni mogħtija minnu hija invero simili fiċ-ċirkostanzi. Il-vittma tgħid li dakinhar tal-inċident uliedha ma kellhomx x'jieklu. L-akkużat fl-istqarrija jammetti li kien ikun ġranet meta t-tfal ma jkollhomx jieklu tant li kien hemm involut allegatament xi social worker li ma xehditx f dawn il-proċeduri. Jgħid pero li ġieli jkollhom xi jgħidu u li l-vittma tiegħu panadols u catafast ta' sikwiet. Dan hu indikatti li l-vittma kienet tbagħti minn uġiegħ fir-ras minħabba dak li kienet għaddejja minnu kif stqarret hi viva voce l-Qorti fuq il-pedana tax-xhieda. Mistoqsi kif sab lil vittma dakinhar jgħid li kienet mal-art qishom qed ituha l-fits, wiċċha il-fuq ma kintix mitlufa minn sensiegħa għal kollox imma ma setgħetx tkellmu. Kieku l-vittma kienet tbagħti minn xi storja ta' fits l-akkużat kien iressaq prova f'dan ir-rigward biex jissostanzja dak li qal pero din il-prova ukoll hija nieqsa. Mill-atti ma jirriżultax li l-vittma kellha xi storja ta' mard.

Din il-Qorti temmen iktar dak li qalet il-vittma u għalhekk hija qed issib lill-akkużat ħati ta' din l-ewwel akkuża.

Dwar it-tieni akkuża u ċioe li ikkaġuna lil koabitana tiegħu Adrianna Lipska illum Munzone Lipska biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjeta tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha jingahd is-segwenti.

Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro** [19]fejn ngħad fi kliem ċar li:

> *Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm a course of conduct kif juri l-kliem "lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l- okkazjonijiet". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda .*

'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li seħħew fil-kuntest ta' inċident wieħed – ma jistgħu qatt jammontaw għar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:

> *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*

L-Artikolu 251B tagħna – u hawn il-Qorti ser tuża ttest Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara x-xebħ u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk:

> *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person*

[19] Deċiża nhar l-24 ta' April 2009

*mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* .

Il-kliem "*on each of those occasions*" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkażjoni waħda iżda jrid ikun hemm għall-anqas żewġ okkażjonijiet – proprju kif jingħad fil-matriċi Ingliża, "*on at least two occasions*". Għal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illoġika – il-kliem "on at least two occasions tħallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice,** 2008:

> *'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'*

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**[20] intqal is-segwenti:

> *Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi*

[20] Deċiża fil-21 ta' Frar 2012

*kundanni oħra talappellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta.*

Allura li biex jissussiti r-reat in diżamina, is-suġġett attiv tar-reat irid ikun aġixxa b'mod tali li pprovoka sensazzjoni ta' biża' fis-suġġett passiv tar-reat f'iktar minn okkażjoni waħda u li tali okkażjonijiet jeħtieġ li jkunu qrib xulxin fiż-żmien. U sabiex il-Qorti tasal tifhem jekk kienx hemm course of conduct, kultant ikun jeħtieġilha wkoll tanalizza r-retroxena tal-każ sabiex tifhem kif, fid-dawl ta' dik ir-retroxxena li toħroġ mill-verżjoni tal-partijiet u minn xi provi oħra, anki inċident iżolat jistax jittieħed f'kuntest aktar wiegħsa minħabba sejre ta' ċirkostanzi li jsawru din ir-retroxena. Dan dejjem pero', irid ikun hekk rifless ukoll fil-perjodu ta' żmien indikat fiċ-ċitazzjoni b'mod tali li l-imputat ikun jaf il-partikolaritajiet taż-żmien li fih huwa jkun qiegħed jiġi akkużat li jkun wettaq tali reati u jkun għalhekk jista' jħejji sew id-difiża tiegħu. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[21] il-Qorti tal-Appell Kriminali iddefiniet *'ir-retroxena'* bil-mod segwenti:

> *….f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.*

B'hekk biex ikun jista' jingħad li seħħ ir-reat ta' fastidju jew meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom, jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, iżjed minn episodju wieħed ta' mġieba li tnissel

[21] Deċiża 21 ta' Ġunju 2007

fastidju jew biża skont il-każ, u li jkunu mifruxa perjodu ta' żmien li pero dejjem irid ikun jaqa' fil-parametri taż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni.

Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu biss li inċident wieħed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax għal "*course of conduct*" għall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taħt disposizzjonijiet oħra tal-liġi. Għalhekk l-appellant ser jiġi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9 u dan għaliex l-prosekuzzjoni naqset li tipprova il-*course of conduct* rikjest għall-esistenza ta' dan ir-reat.

Dwar it-tielet reat jingħad li l-akkużat ġie akkużat fl-istess data, ħin u ċirkostanza f'dawn il-Gżejjer, ġab ruħu b'tali mod li tah fastidju lil ko-abitanta tiegħu Adriana Lipska illum Munzone Lipsika, u b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju għal Adrianna Lipska illum Munzone Lipska. Dan ir-reat dak tal-fastidju fit-termini tal-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali li fi żmien ir-reat de quo kien jaqra hekk : -

> *251A. (1) Persuna li ġġib ruħha:*
>
> *(a) b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u*
>
> *(b) b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.*
>
> *(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l- imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.*
>
> *(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:*
>
> *(a) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew*

*(b) l-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew (ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli.*

*(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (2,500) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien: Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1).*

Sabiex jirriżulta dan ir-reat iridu għalhekk jiġu pruvati b'mod sikur :

(i) l-atti li jikkostitwixxu l-fastidju u

(ii) dawn l-atti imwetqin fuq f'aktar minn okkażjoni waħda b'mod li jkun jista' jitqies li jissawwar "course of conduct" b'dik l-imġieba

Din il-Liġi ġiet modellata fuq il-Liġi Ingliża: Protection of Harassment Act, 1997. B'referenza għall-elementi ta' dan ir-reat, fil-każ **il-Pulizija vs. Carmelo Vella** [22]il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti: Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:

*'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because*

[22] Deċiża fl-14 ta' Mejju 2012

*the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment . But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.*

*Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct ': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.*

Illi fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti** [23]li fih saret referenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini** [24]fejn il-Qorti qalet:-

*Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan lelement ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez :- "...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex*

[23] Deċiża 21 ta' Frar 2012
[24] Deċiża 27 ta' Frar 2009

> *il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien"*

lli mhux kull komportament jista' jagħti lok għall-fastidju. L-ewwel u qabel kollox il-fastidju jimplika sensazzjoni ta' dwejjaq, ta' skomfort tali li jikkawża fis-suġġett passiv tar-reat sensazzjoni ta' negattivita'. Il-Liġi Maltija, bħal dik Ingliża, ma tiddefinix x'jammonta għal fastidju. Iżda l-Artikolu 251Ċ tal-Kodiċi Kriminali - li jispjega x'jista' jinkludi fih il-'fastidju' skont fl-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali jinkludi meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lis-suġġett passiv tar-reat.

Biss tali 'fastidju' jrid jiġi pruvat b'sikurezza li ma jkunx seħħ biss f'okkażjoni ta' darba, iżda jkun irid jippersisti fuq aktar minn okkażjoni waħda, b'mod li l-imġieba tas-suġġett attiv tkun tista' tiġi meqjusa li tkun żviluppat *f'course of conduct.* Ir-retroxena ta' kull inċident għalhekk jieħu rwol ċentrali fid-determinazzjoni ta' jekk u safejn dan il-*course of conduct* kienx jeżisti jew le fil-każ partikolari.

Illi għalhekk kif ġara fit-tieni akkuża il-prosekuzzjoni naqset li tressaq provi dwar il-*course of conduct* tal-appellat fil-konfront ta' Lipska li hu neċessarju għall-eżistenza ta' dan ir-reat u konsegwentement fuq nuqqas ta' provi din il-Qorti taqbel mar-raġunament milqugħ mill-ewwel Qorti li tillibera lill-imputat minn din it-tielet akkuża.

Għalhekk din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali in parte fis-sens li waqt li qed tiċħad fir-rigward it-tieni u tielet akkuża u b'hekk qed tikkonferma id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fejn ma sabitux ħati tagħhom u lliberatu minnhom, qeda tirrevoka dik il-parti ta' l-ewwel sentenza fejn ma sabitx lill-appellat ħati tal-ewwel akkuża billi qed issibu ħati tagħha u wara li rat l-artikoli 214 u 216(1) (b) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija sospiżi għal erba' (4) snin ai terminu tal-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti spejgat l-import ta' din is-sentenza lill-appellat u l-konsegwenzi tagħha jekk huwa jonqos li jaderixxi ruhu magħha.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**